DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1174

tal-14 ta' Lulju 2015

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awditur estern tal-Banka Slovenije

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tagħhom,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2015 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije (BĊE/2015/23) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jeħtieġu li jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill.

(2) Il-mandat tal-awditur estern attwali tal-Banka Slovenije, Deloitte revizija d.o.o., skada wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2014. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatar awditur estern ġdid mis-sena finanzjarja 2015.

(3) Il-Banka Slovenije għażel lil Ernst & Young d.o.o. bħala l-awditur estern tiegħu għas-snin finanzjarji 2015 sa 2017.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Ernst & Young d.o.o. tinħatar bħala l-awditur estern tal-Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2015 sa 2017.

(5) B'segwitu tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(13) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"13. Ernst & Young d.o.o. hija b'dan approvata bħala l-awditur estern tal-Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2015 sa 2017.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

P. GRAMEGNA

([1]) ĠU C 201, 18.6.2015, p. 1.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).